MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 1096/2014

**Raycop Enterprises Ltd (C-11503)**

**Vs**

**EROM Trading Limited (C-65591)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta’ Raycop Enterprises Limited li jaqra hekk:

1. *“Illi s-socjeta' rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' (€42,411.62) tnejn u erbghin elf u erba' mija u hdax-il Ewro u tnejn u sittin centezmu rappresentanti prezz ta' merkanzija mibjugha lis-socjeta' konvenuta u fuq struzzioniiiet taghha stess u dan kif jirrisulta minn stotements hawn annessi u mmarkati Dok'A' u 'Dok B'.*

2. *Illi minkejja li s-socjeta' konevnuta giet interpellata biex thallas diversi drabi, nkluz permezz tal-ittra ufficjali numru 3517/2014 datata 6 ta' Novembru 2014, hija baqghet inadempjenti.*

3. *Illi fil-fehma tas-socjeta' attrici dan id-dejn huwa veru, cert, likwidu u dovut u s-socjeta' konvenuta ma ghandhiex eccezzionijiet xi ggib ghat- talba ta' hlas tas-socjeta' rikorrenti.*

4. *Illi ghalhekk, dan jaghti dritt lis-socjeta' rikorrenti sabiex tipprocedi kontra s- socjeta' konvenuta bi procediment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt qed taghmel.*

*Tghid ghalhekk is- socjeta' konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzioni necessarja u opportuna, m'ghandhiex taqta' u tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi:*

1. *Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' (€42,411.62) tnejn u erbghin elf u erba' mija u hdax-il Ewro u tnejn u sittin centezmu, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.*

*Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ppresentat kontestwalment minn din il-kawza u bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta' notifika tal-lttra Ufficjali numru 3517/2014 sal-jum tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni."*

Rat id-digiet taghha tal-5 ta'Dicembru 2014 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghas-16 ta'Dicembru 2014 fid-9.25am;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta tal-10 ta' Gunju 2015 illi permezz taghha **ammettiet t-talbiet attrici kif dedotti** (a fol. 31);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat u ezaminat il-provi dokumentari prodotti mis-socjeta’ attrici u jirrizulta illi s-socjeta’ attrici bieghet u konsenjat lis-socjeta’ intimata l-oggetti indikati f’Dok A a fol. 4 et seq u Dok. B a fol. 7 u ghalhekk hija kreditrici fis-somma ta’ (€42,411.62) tnejn u erbghin elf u erba' mija u hdax-il Ewro u tnejn u sittin centezmu.

Is-socjeta’ intimata permezz tan-nota t’ammissjoni datata 10 ta’ Gunju 2015 ammettiet it-talbiet attrici kif jidher minn fol.31.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, billi tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' (€42,411.62) tnejn u erbghin elf u erba' mija u hdax-il Ewro u tnejn u sittin centezmu, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi .

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ppresentat kontestwalment minn din il-kawza u bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta' notifika tal-Ittra Ufficjali numru 3517/2014 sal-jum tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------